

32001R2558

28.12.2001

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 344/1

IR-REGOLAMENT (KE) Nru 2558/2001 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**ta' 3 ta' Diċembru 2001**

li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2223/96 fir-rigward ta' riklassifikazzjoni ta' soluzzjonijiet taħt arranġamenti ta' tpartit u taħt patti ta' ftehim ta' rati bil-quddiem

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw t-Trattat li jwaqqaf il-Komunitajiet Ewropej, u b'mod partikolari l-Artikolu 285(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni ⁽¹⁾,

Wara li kkunisdraw l-opinjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew ⁽²⁾

Skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat ⁽³⁾

Billi:

(1) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2223/96 tal-25 ta' Ġunju 1996 fuq is-Sistema Ewropea ta' rendikonti nazjonali u regionali fil-Komunità ⁽⁴⁾ jiġibor fiċċaqas ta' referenza fuq standards komuni, definizzjonijiet, klassifikazzjonijiet u regoli ta' rendikont għat-tfassil ta' rendikont tal-Istati Membri għall-hxiġi statistiċi tal-Komunità Ewropea, sabiex jiġu akkwistati riżultati komparabili bejn l-Istati Membri.

(2) Fis-SEK 95, bħal fil-każ ta' SNA 93, tpartit huwa mfisser (5.67) bħala "arranġamenti kontrattwali bejn żewġ parti-jiet li jiftehma li jibdu, matul ċertu żmien u skond regoli predeterminati, flusssi ta' pagamenti fuq l-istess ammonti ta' obligazzjoni" u hija speċifikata li "iż-żewġ varjetajiet prevalenti huma tpartit ta' rati ta' imgħax u tpartit ta' muniti".

(3) Fil-verżjonijiet oriġinali ta' SEK 95 u SNA 93, imghaxi-jiet li jiġu bejn żewġ parti-jiet taħt kull forma ta' tpartit u taħt patti ta' ftehim b'rata bil-quddiem ġew ikkunsidrati bħala transazzjonijiet mhux uffiċċjali, imdaħħla fi dħul tal-propjeta, taħt l-imgħax ta' l-oġġett.

(4) B'din l-listqarrija nqalgħu l-problemi u l-Kummissjoni għalhekk tikkonsidra li huwa meħtieġ li teskludi dawn il-flusxi ta' imgħax minn dħul ta' propjeta, b'manjiera simili għal SNA 93 rivedut.

(5) Huwa għalhekk xieraq sabiex tirrekordja dawn l-influssi fi transazzjonijiet finanzjarji taħt l-elenkat derivativi finanzjarji, inklużi fis-SEK 95 fi F3 intitolati "Sigurtajiet oltre dawk ta' ishma".

(6) Trattament speċifiku ta' dawn l-influssi għandhom jiġu mfissra għal data trasmessi taħt il-proċedura ta' żbilanċ eċċessiv.

(7) Il-Kumitat tal-programmi statistiċi tal-Komunitajiet Ewropej, stabbilit bid-Deċiżjoni Nru 89/382/KEE, Euratom ⁽⁵⁾, u l-Kumitat fuq Materji Monetarji, Finanzjarji u Bilanċ ta' l-Istatistika tal-Pagamenti, stabbilita bid-Deċiżjoni 91/115/KEE ⁽⁶⁾, ilkoll ġew konsultati b'mod konformi ma' l-Artikolu 3 ta' dawn id-Deċiżjoni.

ADDOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:**Artikolu 1**

L-Anness A tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2223/96 għandu jiġi emendat b'mod konformi mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-sejjh fil-ġurnata li fiha jiġi ppublikat fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

⁽¹⁾ ĠU C 116 E, tas-26.4.2000, p. 63.

⁽²⁾ ĠU C 103, tat-3.4.2001, p. 8.

⁽³⁾ Opinjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Marzu 2001 (għadha mhux ippublikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u Deċiżjoni tal-Kunsill ta' t-11 Novembru 2001

⁽⁴⁾ ĠU L 310, tat-30.11.1996, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 995/2001 (ĠU L 139, tat-23.5.2001, p. 3).

⁽⁵⁾ ĠU L 181, tat-28.6.1989, p. 47

⁽⁶⁾ ĠU L 59, tas-6.3.1991, p. 19. Deċiżjoni kif emendata bid-Deċiżjoni 96/174/KE (ĠU L 51, ta' l-1.3.1996, p. 48).

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fit-3 ta' Diċembru 2001.

Għall-Parlament Ewropew

Il-President

N. FONTAINE

Għall-Kunsill

Il-President

F. VANDENBROUCKE

L-ANNESS

L-Anness A tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2223/96 huwa emendat b'li ġej:

- ## 1. F' Kapitolu 4, paragrafu 4.47 huwa mibdul b'dan li ġej:

"4.47. L-ebda ħlas li jirriżulta minn kull tip ta' arranġament ta' tpartit m'għandu jkun ikkunsidrat bħala imgħax u mdaħħal taħt dħul minn propjetà.(Ara paragrafi 5.67(d) u 5.139(c) relativi għad-dherivative finanziarji).

Bl-istess mod, transazzjonijiet taħt patti ta' ftehim ta' rata bil-quddiem m'għandhomx jiġu mdaħħla bħala dħul minn propjetà.(Ara paragrafu 5.67(e))."

- ## 2. F' Kapitolu 5:

- (a) fil-paragrafu 5.67, punti (d) u (e) huma mibdula b'dan li ġej:

(d) tpartit, imma biss jekk għandhom valur tas-suq minnħabba li huma negozzjabbli jew jistgħu jiġi mifidja. It-partit huwa arrangiament kuntrattwali bejn żewġ partijiet li jiftehmu li jibiddlu, tul perjodu ta' żmien u skond regoli stabbiliti minn qabel, flussy ta' pagamenti ta' l-istess ammont ta' obligazzjonijiet. L-aktar varjet-tajiet prevalent huma tpartit b'rata ta' imgħax, tpartit ta' kambju barrani u tpartit ta' muniti (imsemmi ukoll tpartit ta' imgħax ta' diversi muniti). Tpartit ta' rati tal-imgħax jinvoli kambju ta' ħlasijiet b'imgħax ta' karattru differenti, bħalma hu rata fissa għal rata varjabbli, żewġ rati varjabbli differenti, rata stabbilita f'munita waħda u rata varjabbli f'oħra, eċċ. Tpartit ta' kambju barrani (inkluż kull kuntratt bil-quddiem) huma transazzjonijiet f'muniti barranin b'rata ta' kambju dikjarata bil-quddiem. Tpartit ta' muniti jinvoli kull kambju ta' ammonti spċċifi ta' żewġ muniti barranin b'ripagamenti sussegwenti, li jinkludu flussy ta' imgħax kif ukoll ta' ħlas mill-ġdid, tul perjodu ta' żmien skond regoli stabbiliti minn qabel. L-ebda wieħed mir-ripagamenti li jirriżulta m'hawa ikkuns idrat bħala dħul ta' propjetà fis-sistema u kull ftehiem milhaq għandu jiġi mdaħħal fir-rendikont finanzjarju;

(e) kull patt ta' ftehiem fuq rata bil-quddiem (FRAs), imma biss jekk għandhom valur tas-suq minnħabba li huma negozjabbi jew jistgħu jiġu mifdija. FRAs huma arranġamenti kuntrattwali li fihom żewġ partijiet, sabiex jipproteġu lilhom nfushom kontra tibdil fir-rati ta' imgħax, jiftehma fuq imgħax li jrid jitħallas, fid-data tal-ftehim, ibbażata fuq ammont fittizju ta' principej li ma jiġi mibdul qatt. Il-ħlasijiet huma relatati mad-differenza bejn ir-rata miftehma u r-rata tas-suq prelevanti fiż-żmien tal-ftehim. Dawn il-pagamenti m'humiex ikkunsidrat bħala dħul ta' propjetà fis-sistema imma għandhom jiġu mdaħħla taħt l-elenkat deri-vattivi finanzjarji."

- (b) fil-paragrafu 5 139, punti (c) u (d) huma mibdula b'dan li ġej:

"(c) kull kummissjoni espliċita imħallsa jew mgħotija minn sensar jew intermedjarju sabiex jirranġa opzjonijiet, futures, skambji u derivattivi kuntrattwali oħra huma kkunsidrati bħala ħlas-sijiet għas-servizzi fir-rendkonti xierqa. Il-partijiet fi tpartit m'humix ikkunsidrati bħala li qed jipprovd servizz lil xulxin, imma kull ħlas għal partit terz fl-arrangar ta' skambji għandu jiġi ttrattat bħala ħlas għal kull servizz. Taħt kull arranġament ta' skambji, fejn ammonti prinċipali huma imparta, l-fluss korrispondenti għandu jiġi mdaħħal f'kull transazjoni tal-istrument sottoskrift. L-influssi ta' ħlas-sijiet oħra (eskluż il-kummissjoni) għandhom jiġu mdaħħla taħt l-elemleni derivattivi finanzjarji (F.34). Waqt li l-primjum imħallas lill-bejjiegħ ta' kull option jista jkun misħum li jinkludi kull ħlas dovut għas-servizzi, fil-prattika m'huxwex dżejjem possibbi li tiddiġġi wi-l-element ta' servizz.

Għalhekk, il-prezz sħiħ għandu jiġi rrekordjat fl-akkwist ta' kull ass finanzjaru mix-xerrej u bħala inċidenza ta'obbligu mill-bejjiegħ;

- (d) fejn kuntratti ta' tpartit jinvolvu kull kambju ta' ammonti prinċipali, per eżempju kif jiġi bi tpartit ta' muniti, il-kambju iniziali għandu jiġi mdaħħal bħala transazzjoni fl-instrument sottoskrift mibdul u mhux transazzjoni f'derivattivi finanzjarji (F.34). Fejn kuntratti ma jinvolvux kambju ta' prinċipju, l-ebda transazżjoni ma tiġi rrekordjata fil-bidu. Fiż-żewġ każijiet, impliċitament, kull derivattiv finanzjarju b'valur inizzjal ta' zero huwa maħluq fit-tali punt. Sussegwentement, il-valur ta' kull tpartit għandu jkun ugwali għal:

1. għall-ammonti princiċiali, il-valur tas-suq preżenti tad-differenza bejn il-valuri tas-suq tal-futur mis-tenni tal-ammonti li jridu jiġu kambjati mill-ġdid u l-ammonti spċifikati fil-kuntratt;

2. għal pagamenti oħra, il-valur tas-suq preżenti tal-flussi futuri speċifikati fil-kuntratt.

Kull bdil fil-valor tad-derivattiv biż-żmien għandu jiġi mdaħħal fir-rendikont ta' revalutar. Kambjament mill-ġdid sussegwenti tal-prinċipal għandu jiġi rregolat mit-termini u kondizzjonijiet tal-kuntratt ta' tpartit u jista' jimplika assi finanzjarji li jinbidlu f'kull prezz differenti mill-prezz tas-suq prevalent ta' dawn l-assi. Il-ħlas kontroparti bejn il-partijiet f'kuntratt ta' tpartit tkun dik speċifikata fil-kuntratt. Id-differenza bejn il-prezz tas-suq u l-prezz tal-kuntratt hija dik ugħalli għal valor ta' likwidita tal-ass/obbligu kif-japplika fid-data miftehma u għandu jiġi mdaħħal bħala transazzjoni f'derivattivi finanzjarji (F.34). Għall-kuntrarju, influssi oħra taħt l-arranggament ta' tpartit huma mdaħħla bħala transazzjoni f'derivattivi finanzjarji għall-ammonti effettivam minnibdula. Kull transazzjoni f'derivattivi finanzjarji għandha taqbel mal-evalwazzjoni totali mill-ġdid ta' dħul jew tħalli il-perjodu tal-kuntratt ta' tħebid. Tali trattament huwa analogu oħall dak imnejheed fir-rioward ta' options, li ijjipproċeju oħal forniture (ara punt (a)).

Għal kull unità istituzzjonali, kull tpartit jew kull ftehiem b'rata mill-quddiem taħt l-elekta derivativi finanzjarji fuq in-naħħa tal-assi fejn għanda valur nett ta' assi, ħlasijiet pożittivi netti li jgħollu l-valur nett (u bil-maqlub). Fejn it-tpartit għandu valur ta' obliqu nett, huwa rekordjat fuq in-naħħa tal-obligi, ħlasijiet negativi netti li jiżdiedu fil-valur nett (u bil-maqlub)."

3. Is-segwenti l-Anness huwa magħdud:

"L-ANNESS V

TIFSIRA TAD-DEFIĊIT TAL-GVERN GĦALL-ISKOP TA' PROĊEDURA TA' DEFIĊIT EĊĊESSIV

Għall-iskop tar-rapporti tal-Istati Membri lill-Kummissjoni taħt il-proċedura ta' defiċit eċċessiv imqiegħed fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3605/93⁽¹⁾, 'Defiċit tal-Gvern' huwa l-oġġett ta' bilanċ 'self nett' tal-gvern ġenerali, inkluż flussi ta' ħlasijiet ta' imgħaxx li jirriżultaw minn arranġamenti ta' tpartit u patti ta' ftehim b'rata bil-quddiem. Tali oġġett ta' bilanċ huwa kodifikat bħala EDPB9. Għal dan l-iskop, l-imgħax jinkludi l-flussi hawn fuq imsemmija u huwa kodifikat bħala EDPD41.

⁽¹⁾ ĠU L 332, tal-31.12.1993, p. 7. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 475/2000 (ĠU L 58, tat-3.3.2000, p. 1).